**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 378/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**Spettur Spiridione Zammit**
**vs**
**Alfred Grixti**

**Illum il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Alfred Grixti detentur tal-karta tal-identita' numru 123268M.

Akkuzat talli fis-7 ta' Frar, 2016 u zminijiet qabel mill-fond 16 Camplina Triq San Vincenz De Paola Hal-Luqa kkommetta serq ta' deheb u/jew oggetti ohra liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi 2329.37 ewro, persuna, hin, lok ghad-detriment ta' martu Maria Grixti minn Hal-Luqa, u/jew persuni ohra.

U aktar talli zminijiet qabel is-7 ta' Frar, 2016 xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, cioe' deheb u/jew oggetti ohra liema oggetti kienu mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Wara li ezaminat l-Artikoli 261(c), d, e, 268, 269, 279 (b), u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-ufficjal prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 22 ta' Settembru 2016.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali aggornata ta' l-imputat, stqarrija ta' l-imputat datata 7 ta' Jannar 2016 u okkorrenza.

Wara li sar l-ezami ta' l-imputat ai termini ta' l-artkoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata fl-ewwel opportunita moghtija lilu quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat ipprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'qorti ta' gudikatura kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt li huwa mill-ewwel ikkopera mal-Pulizija.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c), d, e, 268, 269, 279 (b), u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.**

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perjodu ta' probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni ta' Probation u l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma' l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

**(ft) Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Vera kopja**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**